MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2005

Numru 1065/2004

Il-Pulizija
(Sp Johann Fenech)
vs
Lawrence Farrugia, bint
Nazzareno, imwieled
Żejtun fit-3 ta' frar, 1945

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fit-22 ta' ġunju, 2004 u f'dawn l-aħħar xhur ta' qabel din id-data kkometta serq ta' 'pelletizer', ta' l-għamla 'Premium' mill-fabbrika Miksons Transport Co. Ltd. ta' Ħal-Far għad-dannu ta' Anthony Agius mis-Siġġiewi, tal-valur ta' Lm250, liema serq hu aggravat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. talli fit-22 ta' ġunju, 2004 u f'dawn l-aħħar xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa' għandu oġġett misruq jew meħud b'qerq jew akkwistat b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħu jew imexxih mill-fabbrika Miksons Transport Co. Ltd. ta' Ħal-Far.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' jannar, 2005 fejn Anthony Agius informa l-Qorti li l-imputat ma seraqx il-'pelletizer' meritu ta' din il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' jannar, 2005 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li ma għandhiex provi xi tressaq.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------